DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Dipartiment tal-Kurrikulu u *eLearning*
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2010**

Ro

StudentBounty.com

**IT-TIENI SENA** **MALTI** **ĦIN: SAGĦTEJN**

**Isem: ______________________________** **Klassi: ___________**

## ISTRUZZJONIJIET LILL-ISTUDENTI:

1. **Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.**

2. **Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.**

## GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA

## SKEMA TA' MARKI

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F(i) | F(ii) | Ġ | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 9 | 28 | 6 | 6 | 6 | 13 | 12 | 20 | 100 |
| Marki tal-istudent/a | | | | | | | | | |

## KUMMENTI

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ**

Aqra sewwa s-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.




**IL-GAZZETTI**

Hawn Malta għandna gazzetti li joħorġu kuljum jew darba fil-ġimgħa. Xi wħud huma bl-Ingliż filwaqt li oħrajn huma bil-Malti. Barra minn hekk nistgħu nixtru wkoll gazzetti li jiġu minn barra minn Malta. *(par. 1)*

Fil-gazzetti nsibu aħbarijiet, kemm lokali kif ukoll ta' barra, kitbiet dwar suġġetti differenti, aħbarijiet dwar l-isports, tagħrif dwar il-films li jkunu fiċ-ċinema, tagħrif dwar il-programmi tat-televixin u tar-radju u t-tbassir tat-temp. *(par. 2)*

F'kull gazzetta nsibu r-reklami. Min jagħmel reklam fil-gazzetta jħallas il-flus u b'hekk il-gazzetta tkun tista' tinbiegħ b'irħis. Barra minn hekk min jagħmel ir-reklam ikun qiegħed juri x'għandu għall-bejgħ lil dawk kollha li jaqraw il-gazzetta u min jara r-reklam isir jaf x'hawn li jista' jixtri. *(par. 3)*

Paġna interessanti li nsibu f'kull gazzetta hija l-paġna tal-ittri. Kull min irid jista' jikteb ittra lill-editur tal-gazzetta u din tidher f'din il-paġna. Naturalment jiddeċiedi l-editur jekk din l-ittra għandhiex tidher jew le. *(par. 4)*

Fost dawk li għandhom x'jaqsmu mal-pubblikazzjoni tal-gazzetta, hemm l-editur li jieħu ħsieb ix-xogħol kollu, ir-*reporters* li jiġbru l-aħbarijiet, dawk li jiktbu xi artikli, dawk li jieħdu ħsieb it-tqassim tal-gazzetta u jlestu l-paġni fuq il-kompjuter, l-istampatur li jistampa l-gazzetta u fl-aħħarnett dawk li jqassmuha fil-ħwienet kmieni filgħodu. Bix-xogħol ta' dawn kollha u oħrajn magħhom, aħna nistgħu naqraw il-gazzetti kull filgħodu fil-kumdità tad-djar tagħna. *(par. 5)*



Hija ħaġa tajba li nidraw minn meta nkunu żgħar naqraw xi gazzetta, rivista jew magazin li qiegħed apposta għalina. Minn dawn nitgħallmu ħafna affarijiet li jgħinuna biex niżviluppaw lilna nfusna. Fuq kollox ftakru, li min jaqra jitgħallem. *(par. 6)*

(Addattament minn kitba ta' Charles Casha)

**A. FEHIM IT-TEST** (9 marki)

1. Kull meta joħorġu l-gazzetti f'Malta?

_______________________________________________

_______________________________________________ (1)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

2. B'liema lingwi joħorġu l-gazzetti f'Malta?

______________________________

______________________________

3. Fil-gazzetti nsibu kitbiet varji. Semmi tnejn minnhom. *(par. 2)*

a.______________________________

b.______________________________(2)

4. Għalxiex iservu r-reklami? (Agħti raġuni waħda.)

______________________________

______________________________(1)

5. Min jista' jikteb ittra lill-editur?

______________________________ (1)

6. Semmi tnejn minn dawk li għandhom x'jaqsmu mal-pubblikazzjoni tal-gazzetta.

a.______________________________

b.______________________________(2)

7. Għaliex hu tajjeb li mindu nkunu żgħar nidraw naqraw xi gazzetta tajba għalina?

______________________________

______________________________ (1)

**B. GĦARFIEN IL-LINGWA** (28 marka)

**(i) ANALIŻI TESTWALI**

a. ........ dawk li *jqassmu**ha*** fil-ħwienet *(par. 5)*

Il-pronom ***ha*** mehmuż mal-verb ***jqassmu*** qiegħed jirreferi għall-

______________________ . (2)

b. Il-kelma ***għalina*** hi magħmula minn:

għali + na ☐ għal + i + na ☐ għal + na ☐ (1)

ċ. Il-verb ***ftakru*** fl-aħħar sentenza hu miktub:

fil-Perfett ☐ fl-Imperfett ☐ fl-Imperattiv ☐ (1)

**(ii) LESSIKU / VOKABULARJU**

Mis-silta sib kliem li jfisser l-istess bħal dan:

a. tal-post (*par. 2*) ______________________________

b. informazzjoni (*par. 2*) ______________________________

ċ. b'inqas spejjeż (*par. 3*) ______________________________

d. mal-istampar (*par. 5*) ______________________________ (4)

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**(iii) GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA**

a. Għaqqad kolonna ma' oħra u niżżel l-ittra isfel.

| | |
|---|---|
| 1. Imisshom | a. Verb kwadrilitteru |
| 2. Jikkontrolla | b. Verb trux |
| 3. Fexfex | ċ. Verb Dgħajjef Moħfi |
| 4. tar | d. Verb ta' oriġini Ingliża |
| 5. Ipparkja | e. Verb ta' oriġini Rumanza |

| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |

(5)

b. Aqleb dawn iż-żewġ sentenzi dwar Ġużi Zammit u minflok agħmilhom jirreferu għal

Ġużi Zammit kien figura importanti fir-raħal ta' Ħal Mula. Huwa kien magħruf ma' kulħadd.

Ġuża Zammit________________________________________________

________________________________________________________ (3)

ċ. Oħroġ Nomi minn dawn il-Verbi

(i) marad ________________________

(ii) sellem ________________________ (2)

d. Sib it-tajba ☑

1. Baqar
   - ☐ Nom Kollettiv
   - ☐ Nom fil-Plural
   - ☐ Nom fl-Għadd Imtenni
2. Idejn
   - ☐ Nom Kollettiv
   - ☐ Nom fil-Plural
   - ☐ Nom fl-Għadd Imtenni
3. Kotba
   - ☐ Plural Sħiħ
   - ☐ Plural Miksur
   - ☐ Plural tal-Plural

(3)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

e. Biddel in-numri fi kliem.

4 itfal ______________________________________

3 ibniet ____________________________________

10 iħbieb ___________________________________ (3)

(Taħriġ meħud minn ***Oħroġ il-Għerf 2*** Grammatika bil-Livelli)

**(iv) SINTASSI / SENTENZI**

a. Għaqqad dawn iż-żewġ sentenzi mingħajr ma tuża l-kelma ***u***.

Min jagħmel ir-reklami fil-gazzetta jħallas il-flus. B'hekk il-gazzetta tkun tista' tinbiegħ b'irħis.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

b. Ikteb din is-sentenza mod ieħor mingħajr ma tibdel it-tifsira.

Paġna interessanti li nsibu f'kull gazzetta hija l-paġna tal-ittri.

Il-paġna tal-ittri ______________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

**Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI** (6 marki)

**QWIEL U IDJOMI**

a. Kompli dawn il-qwiel billi tagħżel il-kelma t-tajba.

1. Naħqa ta' __________________________ qatt ma telgħet is-sema. (ħmar, żiemel, gendus) (1)
2. Dak li jixtri l-ħut fil-baħar jieklu ___________________________. (frisk, jfuħ, jinten) (1)

b. Ikteb sentenza b'kull idjoma biex turi li taf xi tfisser.

1. ħabib tal-qalb

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(2)

2. qaddis miexi fl-art

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(2)

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV

Il-mamà kellha bżonn toħroġ u ħallietek ma' żewġ ħutek iżgħar minnek. Qaltlek biex għ xi l-erbgħa tagħmel it-tè. Imla l-vojt biex ikollok l-istruzzjonijiet kif tagħmel it-tè.



1. ________________________ l-kitla tat-tè għal tliet persuni.
2. Ipplaggja l-kitla u __________________________ l-ilma jiftaħ jagħli.
3. _______________________ *teabag* f'kull kikkra u _______________________ l-misħun fil-kikkri.
4. _______________________ t-*teabag* mill-kikkra.
5. _______________________ iz-zokkor u l-ħalib.

## E. TIFTIX / TRAWWIM KULTURALI – SEHEM IL-MALTI FIL-KULTURA (6 marki)

a. X'jismu / X'jisimha l-persunaġġ Malti li studjajt dwaru / dwarha din is-sena?

__________________________________________________________________ (1)

b. Għalxiex baqa' / baqgħet magħruf / a?

____________________________________________________________________

__________________________________________________________________ (1)

ċ. Ikteb madwar 20 kelma dwaru / dwarha.

____________________________________________________________________

____________________________________________________________________

____________________________________________________________________

__________________________________________________________________ (4)

## F. LETTERATURA (25 marka)

### (i) POEŻIJA: NADRIET 2

**BALLATA** *ta' Rużar Briffa*

Hekk jgħid il-leħen kiebi;
ilu s-snin ma jehda qatt;
dratu n-nies, 'mma kull fl-għaxija
tmur titniehed qalb kulħadd.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

1. Immarka t-tajba.

a. Din il-poeżija hija (narrattiva, argumentattiva, deskrittiva).

b. Din il-ġrajja seħħet fi żmien (il-Franċiżi, il-Kavallieri, l-Ingliżi).

ċ. Din il-poeżija hi komposta minn (terzini, sestini, kwartini). (1)

d. *Hekk jgħid il-leħen kiebi*.

F'dan il-vers għandna (apostrofi, personifikazzjoni, similitudni). (1)

e. Mill-istrofa mogħtija sib żewġ kelmiet li jirrimaw.

__________________________ u ____________________________ (1)

2. Qabbel kolonna *A* ma' kolonna *B* billi tikteb l-ittri fil-kaxxa ta' taħt:

| | **Kolonna *A*** | | **Kolonna *B*** |
|---|---|---|---|
| 1. | Fil-poeżija ***Ġejja x-Xita*** | a. | hi poeżija konċiża. |
| 2. | Fil-poeżija ***It-Tokki tal-Paternoster*** | b. | hi sunett. |
| 3. | Il-poeżija ***Wied Qirda*** | ċ. | jissemmew ħafna annimali. |
| 4. | Il-Ħajku | d. | jissemmew l-għefiered. |

| 1 | 2 | 3 | 4 |
|---|---|---|---|
| | | | |

(4)

3. **Aktar Nadriet Poetiċi**

Agħżel poeżija minn t'hawn taħt u ikteb madwar 20 kelma dwarha.

Settembru – Wallace Ph. Gulia; Univers Ieħor – Dun Karm;
Il-Ħajt tas-Sejjieħ – Rena Balzan; Lejl tat-Tfulija – Ġorġ Borg;
Marsaxlokk – Charles Flores

L-isem tal-poeżija _________________________________ ta' __________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________ (4)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**(ii) PROŻA**

a. ***Ħolm tal-Milied?*** – Trevor Żahra

Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.

1. Għaliex il-familja tan-nanna Franġiska ma kinitx tiċċelebra l-Milied?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(2)

2. X'ra Leli fil-mera tal-kamra ta' fuq?

______________________________________________________________________ (1)

3. B'liema marda marad Leli?

______________________________________________________________________ (1)

4. Ta' min kienet l-istatwa li kien hemm f'nofs il-presepju fil-kuritur tal-isptar?

______________________________________________________________________ (1)

5. Liema strument kien idoqq ix-xiħ fi żmien il-Milied?

______________________________________________________________________ (1)

b. ***Nies bla Sabar*** – Temi Zammit

Ikteb sentenza dwar kull wieħed minn dawn il-karattri.

1. Franswa`

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

2. Pina

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

3. Is-Sur Nin

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

| **Ġ. KOMPONIMENT** | (20 marka) |
|---|---|

Agħżel WIEĦED minn dawn u fuq karta separata ikteb madwar 200 kelma.

1. Fi ġnien pubbliku.
2. Ġurnata bla elettriku.
3. Kif inqatta' jum il-festa tar-raħal / tal-belt tiegħi.
4. Persuna li nixtieq niltaqa' magħha. (Iddeskrivi l-persuna u għid għaliex tixtieq tiltaqa' magħha / miegħu).
5. Ma kienx mument li weġibt il-*mobile*... Kompli l-istorja.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers